# Il-Kanonċi Onorarji tal-Kolleġġjata Elenjana 1912-1968 It-tieni Parti

■ Fil-ħarġa ta' dan il-ktieb-programm tas-sena 2002, kont tajt tagħrif dwar tmien saċerdoti li nħatru bħala kanonċi onorarji tal-Kolleġġjata Bażilika Elenjana bejn l-1912 u l-1957. Fil-ħarġa ta' din is-sena se nagħti tagħrif dwar disa' saċerdoti oħra li nħatru bħala kanonċi onorarji bejn l-1957 u l-1968.

1. Kan. Onor. Dun Naz Sciberras Psaila J.U.D. Ġie ordnat saċerdot fl-1944 u fl-1945 ġie nominat kanonku tal-Kolleġġjata.[1] Meta mar jistudja Ruma nħatar bħala wieħed mill-benefiċjarji tal-Bażilika ta' San Pietru, għalhekk ħalla l-kanonikat tal-Kolleġġjata Elenjana. Iżda fl-1957 inħatar Kanonku Onorarju.[2] Fl-1962 nħatar Kanonku Prepostu-Arċipriet tal-Bażilka Elenjana.

2. Mons. Servus Govenche. Twieled f'Navarra fi Spanja iżda trabba Ruma fejn kien ordnat saċerdot fl-1914. Fl-1957 kellu l-karigi ta' Abbas Nullius tal-Bażilika dei nobili spagnuoli f'Napli, Professur fl-Università tal-Lateran u Dekan tal-Fakultà Utriusque Juris fl-istess Università, konsultur tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti tar-Reliġjużi Orjentali, u Imħallef ta' l-Appell tal-Q.T. il-Papa.

Kien il-Kapitlu Elenjan stess li talab lill-Arċisqof Mikiel Gonzi biex jaħtar Kanonku Onorarju lil Mons Gorenche. Waqt żjara f'Malta nhar it-2 ta' Settembru 1957, Mons. Gorenche mar fil-Bażilka Elenjana fejn il-Preminent tal-Kapitlu, l-Prepostu Dun Manwel Vella, ippreżentalu d-digriet tan-nomina fl-Awla Kapitulari.[3]

3. Mons. Carmelo Sciberras. Dun Karm Sciberras twieled f'Birkirkara fid-9 ta' Mejju 1920 u kien ordnat saċerdot fit-3 ta' Awissu 1947.[4] Huwa ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Kolleġġjata Elenjana, lejlet il-festa ta' Sant' Elena ta' l-istess sena. Fl-istess jum ta' l-ordinazzjoni inħatar ċerimonier tal-Kapitlu.[5] Għallem fis-Seminarju u fl-1954 inħatar Kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Balzan. Fl-1958 inħatar Kanonku Onorarju tal-Bażilika Elenjana u ħa l-investitura fis-16 ta' Marzu 1958.[6] Dun Karm mexxa l-parroċċa ta' Ħal Balzan sa Lulju 1981 meta nħatar Kanonku Onorarju tal-Katidral.[7] Wara nħatar ukoll rettur tal-knisja ta' l-Erwieħ il-Belt u Kanonku effettiv tal-Katidral. Miet fid-Dar tal-Kleru f'Birkirkara fit-23 ta' Frar 1999.[8]

4. Mons. George Creenan. Fost il-kanonċi onorarji tal-Kolleġġjata Elenjana nsibu lis-saċerdot Awstraljan Mons. George Creenan. Dan is-saċerdot, fi żmien l-emigrazzjoni tal-massa minn Malta għall-Awstralja (1948-1970) għen kemm seta' lill-Kummissjoni Emigranti ta' Malta.[9] Waqt żjara f'Malta fl-1961, inħatar kanonku onorarju tal-Bażilika Elenjana u ngħata l-investitura fis-16 ta'

Settembru 1961.[10] Għal diversi snin sa' l-1995, il-kanonku Creenan kien id-direttur tal-Federal Catholic Emigration Committee fl-Awstralja u fl-1995 ngħata t-titlu ta' Monsinjur. Miet fl-2001 fl-età sabiħa ta' 101 sena.[11]

5. Kan. Onor. Dun Ġużepp Theuma. Iben Gaetano u Carmela mwielda Mamo. Twieled il-Marsa, iżda trabba f'Birkirkara. Kien ordnat saċerdot fis-6 ta' April 1957. Wara l-ordinazzjoni wettaq xogħol pastorali fil-parroċċa tal-Gżira sa' l-1960 meta nħatar Kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Kirkop.[12] Fl-1964 inħatar kanonku onorarju tal-Kolleġġjata Elenjana u ngħata l-investitura nhar il-festa ta' l-Assunta.[13] Fl-1966, inħatar Kappillan tal-parroċċa tal-Gżira u ħa l-pussess fil-15 ta' Jannar 1967.[14] Fl-1981 imbagħad inħatar Arċipriet tas-Siġġiewi, iżda kien dam biss ftit iżjed minn sena f'din il-kariga,[15] u wara wettaq il-ministeru pastorali fil-parroċċa ta' San Girgor f'Tas-Sliema[16] fejn baqa' sa' l-1985 meta nħatar Arċipriet taż-Żejtun.[17] Miet f'din il-kariga fl-1989.

6. Mons. Emanuel Vella. Kien Prepostu-Arċipriet tal-Kolleġġjata Elenjana mill-1937 sal-1962. Wara li spiċċa minn Prepostu, inħatar Kuġitur tad-Dekan tal-Katidral[18] u fl-1963 sar Dekan. Fl-1964 kien maħtur kanonku onorarju tal-Kolleġġjata Elenjana.[19]

7. Kan. Onor. Dun Karm Aquilina. Kien Ordnat saċerdot fl-1956 u fl-1965 inħatar Ċerimonier tal-Kapitlu. Inħatar kanonku onorarju fl-1967. Fl-istess sena, wara l-mewt tal-Kan. Dekan Dun Karm Bezzina, kien elett bħala kanonku effettiv.[20]

8. Kan. Onor. Dun Manwel Ghigo. Twieled f'Bormla u kien ordnat saċerdot fit-12 ta' April 1949.[21] Iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Kolleġġjata Elenjana, nhar il-Festa tas-Salib ta' l-istess sena u fil-quddiesa ppriedkalu Mons. Ġwann Mifsud, Kanċillier tal-Kurja.[22]

Wara l-ordinazzjoni għamel diversi snin jgħallem fil-Kulleġġ San Alwiġi u wara fis-Seminarju. Kien Assistent Ċerimonier tal-Kapitlu u fl-1967 inħatar Kanonku Onorarju u ngħata l-investitura fit-30 t'April 1967.[23] Miet fis-17 ta' Lulju 1985 fl-eta' ta' 61 sena.[24]

9. Mons. Carmelo Bianco. Twieled f'Birkirkara fid-29 t'April 1934 u kien ordnat saċerdot fit-22 ta' Marzu 1958.[25] Iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Bażilka Elenjana fit-3 ta' Mejju ta' l-istess sena.[26]

Wara l-ordinazzjoni, Dun Karm mar Ruma fejn kompla l-istudji tiegħu fl-Università Gregorjana minn fejn kiseb il-Liċenzjat fit-Teoloġija (1959) u fil-filosofija. Fl-1961 kiseb ukoll id-Diploma fil-Latin Klassiku.

Filwaqt li kien Ruma, Dun Karm ħadem bħala Viċi-Parroku fil-parroċċa tat-Trasfigurazzjoni, Monteverde, Nuova Roma.[27] Lura f'Malta, fl-1963 inħatar Kappillan tal-parroċċa ta' l-Imqabba, parroċċa li huwa mexxa sa' l-1974. Fl-1968 inħatar kanonku onorarju tal-Bażilka Elenjana, u ngħata l-investitura fil-5 ta' Mejju 1968.[28]

*Fl-1974 inħatar Kappillan tal-parroċċa ta' Stella Maris f'Tas-Sliema u ħa l-pussess fis-7 ta' April 1974. Kien f'din il-parroċċa li fakkar il-Ġublew tal-fidda ta' l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu fl-1983. Fl-1985 spiċċa mill-kariga ta' Kappillan ta' Stella Maris u nħatar Cappellano di sua Santità bit-titlu ta' Monsinjur. F'Diċembru ta' l-1987 ħa l-pussess ta' Kanonku tal-Katidral. Bħala kanonku tal-Katidral ta s-servizzi tiegħu fil-Katidral ta' l-Imdina u fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Miet fid-Dar tal-Kleru f'Birkirkara fejn kien rikoverat, fil-15 ta' Diċembru 2001.*[29]

Winston Zammit B.A. (Hons.) M.A. P.G.C.E.

---

1. *Ara d-data taħt l-arma tiegħu fl-Awla Kapitulari.*
2. *Leħen Birkirkara Progessiva - Mejju 1957.*
3. *Ibid. Nov. Diċ. 1957.*
4. *Direttorju Ekkleżjastiku ta' Malta u Għawdex 1999, p. 245.*
5. *Ara s-santa tal-Prima Messa. Dun Karm Sciberras kien informani li dak inhar stess ta' l-ordinazzjoni fil-għaxija kien għamilha ta' Ċerimonier tal-Kapitlu, meta mar mal-Kapitlu Elenjan għat-Transulazzjoni ta' San Gejtanu fil-Ħamrun.*
6. *Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur; Leħen Is-Sewwa 26.III.1958.*
7. *Il-Ħajja 16.VII.1981.*
8. *Tagħrif fil-pussess ta' l-Awtur.*
9. *Lil Ħutna Nov. 2001, pp. 8-11.*
10. *Times of Malta, 13-IX-1961, Il-Berqa 19-IX-1961. Il-Qanpiena, Settembru 2001.*
11. *Lil Ħutna, Nov. 2001, pp. 8-11.*
12. *Il-Gżira 50 Sena Parroċċa 1921-1971, programm souvenir.*
13. *Tagħrif ġentilment mogħti lili mill-mejjet Dun Ġużepp Theuma.*
14. *Il-Gżira 50 Sena Parroċċa 1921-1971, op. cit.*
15. *Il-Ħajja 6-VII-1981, Is-Slġġiewi, vol 6, No. 3 Diċ. 1987.*
16. *Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.*
17. *The Times, 30-1-1985.*
18. *Il-Berqa, 3-III-1962; 3-IV-1962; 30-III-1963.*
19. *Borg J.: Il-Kappillani, Vigarji Perpetwi, Arċiprieti u Presposti ta' Birkirkara f'Gabra Storika Letterarja Elenjana 1978, p. 56.*
20. *Tagħrif fil-pusses ta' l-awtur.*
21. *Calleja J.: Ordinazzjonijiet Saċerdotali 1800-2000; Malta 2001, p.56.*
22. *Tagħrif mogħti lili mill-Kan. Dun Ġużepp Grech Cremona.*
23. *Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.*
24. *The Times, 19-VII-1985.*
25. *D.E., op.cit; p.233.*
26. *Tagħrif meħud mis-santa tal-Prima Messa.*
27. *L.I.S.; 24-VI-1961.*
28. *Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.*
29. *Ibid.*